**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**Vs**

**-Omissis-**
**Censina Borg**

**Illum 29 ta' Awwissu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Censina Borg, bint Michael Cassar u Carmela Cassar neè Scerri, imwielda n-Naxxar fl-14 ta' April 1960 u residenti Nru.76, Frank's, Fl. 1, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0328960(M), talli nhar it-22 ta' Lulju 2019, bejn 10:45hrs u 11:00hrs:

1. Ikkommettiet serq ta' IPAD ta' l-għamla Apple u bagalja li l-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37, minn ġewwa l-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur għad-detriment ta' Mark Formosa;
2. Ukoll talli nhar it-22 ta' Lulju 2019 u fil-ġranet ta' wara f'dawn il-gżejjer laqgħet IPAD ta' l-għamla Apple misruq, meħuq b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħlet biex tbiegħu jew tmexxih bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tittratta ma' l-imputata bħala reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 4 tal-proċess;

Rat il-Personal Details Form ta' l-imputata a fol. 17 u 18 tal-proċess u l-fedina penali ta' l-imputata a fol. 19 u 20 tal-proċess, rat CD b'footage mic-CCTV Cameras ġewwa l-Isptar Mater Dei a fol. 21 tal-proċess u rat ukoll l-istqarrija awdio-viżiva ta' l-imputata a fol. 22 tal-proċess, rat id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali

ta' l-imputata a fol. 23 tal-proċess u rat serie ta' ritratti esebiti a fol. 24 sa' 38 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2019 l-imputata[1], filwaqt li ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja, iddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha;

Semgħet ix-xhieda ta' PS 90 Jeffrey Gerada mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2019[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GJ1" sa' Dok. "GJ8" a fol. 65 sa' 79 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit, ta' Mark Formosa, ta' Marco Milovic, ta' Jonathan Aquilina u ta' Aryton Micallef ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Awwisu 2019 u rat id-dokument markat Dok. "MF" a fol. 85 tal-proċess u d-dokument markat Dok. "EM" a fol. 95 tal-proċess, rat l-estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputata markat Dok. "GV" a fol. 96 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019, il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuża tar-reċediva fil-konfront ta' l-imputata;

Rat li in segwitu għall-irtirar ta' l-akkuża tar-reċediva, l-imputata rreġistrat ammissjoni fir-rigward ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha;

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fir-rigward ta' l-imputata;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi akkużata talli nhar it-22 ta' Lulju 2019, bejn 10:45hrs u 11:00hrs: (1) ikkommettiet serq ta' IPAD ta' l-għamla Apple u bagalja li l-valur jeċċedi €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37, minn ġewwa l-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur għad-detriment ta' Mark Formosa; (2) ukoll talli nhar it-22 ta' Lulju 2019 u fil-ġranet ta' wara f'dawn il-gżejjer laqgħet IPAD ta' l-għamla Apple misruq, meħuq b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħlet biex tbiegħu jew tmexxih bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm inizjalment l-imputata kienet iddikjarat li ma hijiex ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħha, fis-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019 hija rreġistrat ammissjoni għall-akkużi dedotti fil-konfront tagħha.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata w anke fid-dawl tal-provi prodotti fil-konfront tagħha relattivament għall-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża tar-reċediva in kwantu din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, qed issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tagħha. Il-Qorti tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront ta' l-imputata in kwantu mill-provi prodotti, b'mod partikolari

[1] Fol. 43 tal-proċess.
[2] Fol. 60 sa' 64 tal-proċess.

mir-ritratti a fol. 65 sa' 72 tal-proċess, jirriżulta li din l-akkuża hija alternattiva għall-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront ta' l-imputata.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputata, ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputata rreġistrat ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront ta' l-imputata in kwantu hija alternattiva għall-akkuża dedotta fil-konfront tagħha u qed tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża tar-reċediva dedotta fil-konfront ta' l-imputata in kwantu din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal sentejn (2) priġunerija, iżda peress illi f'dan il-każ jissussistu ċirkostanzi, senjatament il-fatt li l-imputata rreġistrat ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri, in bażi għal liema hemm lok li t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputata jiġi sospiż, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tissospendi l-imsemmi terminu ta' sentejn (2) priġunerija għall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġjiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**